


# BIL-KELMA T-TAJBA

IL-LINGWA TAGĦNA, IL-MALTI, **IMPORTANTI LI NUŻAWHA FIT-TAĦDIT U FIL-KITBA BIEX TKOMPLI TIŻVILUPPA FID-DINJA MODERNA**. IL-KUNSILL JOSSERVA U JANALIZZA L-UŻU U L-IŻVILUPP TA' LSIENNA BILLI JŻOMM KUNTATT MAL-PUBBLIKU, FOST L-OĦRAJN, B'LAQGĦAT PUBBLIĊI U B'NUMRU TA' KORSIJIET, KIF NARAW F'DAN L-ARTIKLU TAS-**SUR THOMAS PACE**

Il-lingwa tgħaqqad lin-nies u biha jħossuhom parti minn komunità waħda. Il-lingwa tal-bniedem hi differenti mill-mezzi ta' komunikazzjoni ta' speċi oħrajn għax biha l-bniedem jista' jesprimi ideat u ħsibijiet profondi li jmorru lil hinn miż-żmien u l-post fiżiku li jkun fih.

Il-lingwa hija l-bażi taċ-ċiviltà u għodda għall-iżvilupp kontinwu tas-soċjetà. Tgħin fit-twassil tal-ideat u tal-għarfien minn individwu għal ieħor, minn soċjetà għal oħra u mill-ġenerazzjoni attwali għal ta' warajha. Il-lingwa tagħti lill-bniedem poter liema bħalu li jinħass sew, ngħidu aħna, fir-reklamar tal-prodotti u fir-retorika tal-politiċi u ta' nies fl-awtorità li spiss jippruvaw ibigħulna l-ideat. Dan jagħmluh bil-mezzi tax-xandir u l-istampa, kif ukoll bil-mezzi soċjali diġitali, li għandhom saħħa qawwija fit-twassil tal-messaġġi kummerċjali u politiċi. Il-kliem irridu niżnuh sew għax bih nistgħu nagħmlu ħafna ġid u ħafna ħsara. Bih nistgħu nferrħu jew inweġġgħu, nikkmandaw u ninfluwenzaw, jew inġiegħlu lil ta' madwarna jagħmlu jew jemmnu dak li rridu aħna.

Il-maġġoranza tal-Maltin jużaw il-Malti fil-ħajja ta' kuljum. Għalhekk importanti li lsienna jibqa' għodda effettiva ta' komunikazzjoni billi jintuża mhux biss

fid-djar, fl-iskejjel, fil-ħwienet, fil-postijiet tax-xogħol u fis-senjaletika pubblika ta' madwarna, imma wkoll fl-oqsma speċjalizzati, bħax-xjenza, it-teatru, il-kultura, il-letteratura, il-kant u l-bqija. Irridu naraw li daqskemm nużawh fit-taħdit nużawh ukoll fil-kitba, inkluż fil-qasam diġitali: fl-ittri elettroniċi, fil-messaġġi sms u fis-siti soċjali. Importanti li l-Malti jibqa' aġġornat maż-żminijiet ħalli jkun jista' jkompli jaqdi lill-kelliema tiegħu fil-ħajja ta' kuljum.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti huwa l-entità governattiva bir-rwol li tippromwovi l-użu tal-Malti u ssegwi l-iżvilupp tiegħu fis-soċjetà tagħna f'dinja moderna ddominata mit-teknoloġija. Dan ir-rwol il-Kunsill jaqdih mhux biss billi josserva u janalizza l-użu u l-iżvilupp tal-lingwa imma, aktar u aktar, bil-kuntatt tiegħu mal-pubbliku. Dan jagħmlu b'modi differenti, li jinkludu t-tqassim ta' tagħrif fuq ilsienna f'attivitajiet u fieri differenti, diskussjonijiet ta' konsultazzjoni u laqgħat pubbliċi.

Xhieda ta' dan huma s-seminars pubbliċi dwar il-varjanti ortografiċi u l-kitba tal-kliem mill-Ingliż li matulhom dawk kollha interessati kellhom l-opportunità jgħaddu l-kummenti u s-suġġerimenti tagħhom. Dawn il-fehmiet servew ta' bażi għad-*Deċiżjonijiet 1* (il-varjanti ortografiċi) li saru uffiċjali fl-2010, u għad-*Deċiżjonijiet 2* (il-kitba tal-kliem mill-Ingliż fil-Malti), li daħlu fis-seħħ fl-2018. Fuq dawn iż-żewġ suġġetti l-Kunsill iltaqa' wkoll ma' nies minn setturi ewlenin li jużaw il-Malti f'xogħolhom, bħall-għalliema, il-pubblikaturi, it-tradutturi, u l-ġurnalisti. Seminars oħra kienu fuq il-bilingwiżmu fl-iskejjel u fuq l-iżvilupp tal-Malti fil-qasam diġitali.

L-istandardizzazzjoni tal-lingwa hi meħtieġa għall-konsistenza biex titħaffef il-komunikazzjoni. Insibuha l-aktar, ngħidu aħna, fl-ortografija u t-terminoloġija. Filwaqt li fiha element ta' preskrizzjoni, din mhix maħsuba li timponi l-forom lingwistiċi ta' settur jew individwu imma li tagħraf il-varjazzjoni u tipprovdi linji gwida. Il-lingwi kollha jistandardizzaw b'mod jew b'ieħor, min b'entità bħall-Kunsill u min b'riżorsa awtorevoli bħal dizzjunarju.

Barra minn hekk, id f'id mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università, kull sena l-Kunsill jorganizza l-kors universitarju fil-qari tal-provi bil-Malti għal dawk li jixtiequ jsiru qarrejja tal-provi tal-Malti jew li jixtiequ jħossuhom aktar kunfidenti fil-kitba tal-Malti.

Wara ħmistax-il sena, minn dan il-kors stabbilit ta' Livell 5 (MQF) ikkwalifikaw diġà madwar 570 ruħ. Dan il-kors isir f'Malta u Għawdex. Il-Kunsill jorganizza wkoll numru ta' korsijiet interni bi sħab ma' entitajiet pubbliċi oħra għall-impjegati tagħhom. Fost dawn insemmu l-korsijiet għall-impjegati tad-Dipartiment tal-Informazzjoni (DOI), tal-Parlament, tal-Qorti, għall-ħaddiema soċjali tal-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS), u għall-ġurnalisti u x-xandara. Dawn il-korsijiet ma jkunux biss fuq l-ortografija imma jittrattaw ukoll temi li jkunu jixtiequ l-entitajiet stess, bħall-istil tal-kitba ta' rapporti bil-Malti, kif ukoll l-użu ta' terminoloġija Maltija fil-qasam partikolari tagħhom. Minbarra li jkomplu jżidu l-kuntatt tal-Kunsill mal-pubbliku, joffru opportunità tajba lil min juża l-Malti f'xogħlu biex iżomm ruħu aġġornat u jħossu aktar kunfidenti jikteb bil-Malti.

Korsijiet oħra li joffri l-Kunsill minn żmien għal żmien huma għall-ġenituri u n-nanniet, bil-ħsieb li jkunu jistgħu jgħinu aħjar lil uliedhom u lin-neputijiet fix-xogħol tal-iskola, u oħrajn għall-edukaturi tal-iskejjel tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti, u għall-impjegati tal-kunsilli lokali.

Il-korsijiet tal-Kunsill tal-Malti qed jintalbu dejjem aktar u għalihom ikun hemm attendenza numeruża. Bis-saħħa tagħhom, il-Kunsill mhux biss ikompli jiltaqa' ma' min iħaddem il-Malti f'xogħlu, imma wkoll ikompli jservi bħala punt ta' referenza. Minbarra li jaġġorna lil min jikteb bil-Malti, il-Kunsill irawwem u jkompli jagħmel lin-nies konxji mill-użu tajjeb tal-lingwa. Fl-istess ħin joffri l-opportunità lil dak li jkun li jistaqsi u jiddiskuti d-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom fil-kitba.



Jekk tixtieq torganizza kors intern fil-Malti għall-impjegati tal-post tax-xogħol tiegħek iktbilna fl-indirizz **kunsilltalmalti@gov.mt**